MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Numru. 503/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)
(Spettur Angelo Gafa)**

**vs.**

**George Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

George Micallef ta’ 48 sena, bin Joseph u Carmela nee Calleja, imwieled Birkirkara fl-24 ta’ Novembru 1959, u li joqghod f’Numru 22/81, Portomaso, San Giljan, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru: 740459(M)

Akkuzat:

1. Talli f’Ottubru 2007, u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel dikjarazzjoni ghal xi ghan imsemmi fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta) li kienet falza, qarrieqa jew mhux korretta f’xi aspett importanti.

B’hekk, George Micallef sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fis-27 ta’ Lulju 2009,[1] fejn deherlu li tista’ tinstab htija taht:

a. fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. fl-Artikolu 55(1)(e) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellhux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat n-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

[1] A fol. 310 tal-process.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat huwa konsulent fuq l-izvilupp tat-turizmu u *policies* tat-turizmu, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Huwa jaghmel konsulenza privata fil-qasam tat-turizmu kemm fuq bazi personali kif ukoll f'isem il-kumpanija tieghu Insite Consultants Ltd. Huwa ilu sa mill-1996 jaghmel ukoll xoghol ta' konsulenza ghal Ministru tat-Turizmu u ghal korporazzjonijiet pubblici li jirregolaw il-qasam turistiku.

2. Fis-sena 2005 certu Domenic Micallef ried jizviluppa *"an open air entertainment area"* fil-bajja tal-Mistra. Domenic Micallef jahdem fil-qasam tad-divertiment u beza' li l-kompetituri tieghu fin-negozju kienu ser jaghmlulu l-hsara jekk isiru jafu li hu kien qed jipproponi dan l-izvilupp. Ghalhekk, huwa ma riedx japplika f'ismu u talab lil kuginuh, Ian Sultana, japplika f'ismu lill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (minn issa l-quddiem imsejha il-"MEPA") sabiex isir dan l-izvilupp.

3. Fit-23 ta' Settembru 2005, il-Perit Paul Camilleri ghan-nom ta' Ian Sultana issottometta lill-MEPA *outline development application* intitolata *"utilisation of open area as an open air entertainment area".* Din l-applikazzjoni inghatat in-numru 5880/2005.

4. Ian Sultana ma kienx sid l-art li fuqha kien qieghed jigi propost li jsir l-izvilupp, u din l-art kienet tappartjeni lill-Onorevoli Dottor Jeffrey Pullicino Orlando, Membru Parlamentari. Konsegwentement, skont il-procedura tal-MEPA, il-Perit Paul Camilleri annetta mal-applikazzjoni is-*Certificate of Ownership B*, li hija ittra registrata mibghuta lil sid l-art, cioe, lil Dottor Jeffrey Pullicino Orlando, fejn infurmah li giet sottomessa applikazzjoni mal-MEPA ghall-izvilupp fuq l-art tieghu.

5. Fid-29 ta' Ottubru 2005, il-MEPA kitbet lill-applikant Ian Sultana, u nfurmatu li l-perit tieghu Paul Camilleri irid jissottometti *clearance* minghand l-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta (minn hawn il-quddiem imsejjha l-"MTA"). Mill-provi irrizulta li skont il-procedura tal-MEPA, qabel il-MEPA tipprocessa ulterjorment applikazzjoni ghal izvilupp li jkollu natura jew indoli ta' natura turistika – kemm jekk dik l-applikazzjoni tkun wahda ghal *outline* sew jekk tkun ghal *full development permit* – l-applikant irid jinghata minghand l-MTA dak li jissejjah *Tourism Policy Compliance Certificat (TPCC).*

6. L-applikant Ian Sultana applika ghal dan ic-certifikat mill-MTO fit-3 ta' Novembru 2005, u fis-7 ta' Novembru 2005, l-MTO harget it-*Tourism Compliance Certificate*, li kopja tieghu nghatat lill-MEPA, sabiex tkompli tipprocessa l-applikazzjoni. F'dan ic-certifikat, l-MTA irreferiet ghall-izvilupp bhala *restaurant* b'*second class grading*.

7. Fl-14 ta' Marzu 2006, il-*case officer* assenjata ghal din l-applikazzjoni, il-Perit Daniela Carla Agius, issottomettiet ir-rapport taghha lid-*Development Control Commission* (iktar l-isfel imsejjah DCC) *Board A.* Hemm tlett komposizzjonijiet differenti tad-DCC. Board A kien jikkonsidra applikazzjonijiet ghal zvilupp propost fuq art li taqa' f'*Outside Development Zone* (ODZ) – kif kien il-kaz odjern. Fir-rapport taghha, il-*case officer*, wara li ghamlet il-konsultazzjonijiet li kellha taghmel, irrakkomandat li din l-applikazzjoni kellha tigi rifjutata, ghar-ragunijiet spjegati minnha.

8. Fix-xhieda taghha, il-*case officer* il-Perit Daniela Carla Agius, spjegat li d-DCC mhux marbut mal-konkluzjoni tal-*case officer*, u jkun hemm kazijiet fejn id-DCC ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-*case officer*, kemm jekk dan ikun irrakkomanda rifjut, kemm jekk ikun irrakkomanda approvazzjoni tal-applikazzjoni.[2]

---

[2] Ara xhieda ta' Daniela Carla Agius a fol. 243 tal-process.

9. Fl-24 ta' Marzu 2006, il-Perit Paul Camilleri kiteb lura lid-DCC fejn ghamel il-kontro-argumenti tieghu ghall-konkluzzjoni tal-*case-officer*.

10. L-ewwel laqgha tad-DCC fuq din l-applikazzjoni saret fis-16 ta' April 2006. Fit-19 ta' April 2006, id-DCC talab pjanti iktar dettaljati ghaliex il-file kien se jigi riferut lill-Kumitat Ezekuttiv tal-MEPA.

11. Ghal habta ta' Mejju 2006, l-imputat George Micallef gie avvicinat fil-kapacita tieghu bhala konsulent privat fuq it-turizmu, sabiex ihejji rapport fejn jispjega kif dan l-izvilupp propost ta' *open air entertainment area* huwa konformi mal-*policies* tat-turizmu. Huwa kien avvicinat minn Dottor Jeffrey Pullicino Orlando, persuna li l-imputat kien jaf ghaliex dak iz-zmien Dottor Pullicino Orlando kien qed jipprogetta lilu innifsu bhala persuna li huwa interessat fit-turizmu. Dottor Pullicino Orlando informa lill-imputat li kienet se tikkomunika mieghu persuna biex tkellmu fuq dan il-progett.

12. Wara li ltaqa' ma' Domenic Micallef u l-Perit Camilleri li spjegawlu l-progett, l-imputat abbozza r-rapport tieghu fuq dan il-progett taht l-isem tal-kumpanija tieghu Insite Consultants Ltd. Fit-2 ta' Gunju 2006, il-Perit Paul Camilleri issottometta dan ir-rapport lil MEPA.[3] Fl-istess gurnata huwa ssottometta wkoll, il-pjanti dettaljati mitluba.

13. Dan ir-rapport tal-imputat kien ibbazat fuq il-*policies* tat-turizmu kurrenti u kif l-izvilupp propost, fl-opinjoni tal-imputat, huwa konformi ma' dawn il-policies. Ir-rapport kien jirrakkomanda favorevolment l-izvilupp propost. Fl-ahhar pagna ta' dan ir-rapport, hemm paragrafu li jghid hekk: *"The developer will also be submitting a copy of this report to the Malta Tourism Authority to seek its endorsement and support for this proposed project."* Domenic Micallef xehed li huwa kien mar l-MTA u halla kopja ta' dan ir-rapport mar-*reception desk*.[4]

---

[3] Red 34A fil-file tal-MEPA ezebit a fol. 34 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Domenic Micallef a fol. 318 tal-process.

14. Fid-29 ta’ Awissu 2006, il-Kumitat Ezekuttiv tal-MEPA irrakkomanda li l-applikazzjoni ghall-izvilupp propost tigi rifjutata.

15. Sadanittant, fit-28 ta’ Awissu 2007, gie estiz il-ftehim ta’ konsulenza li l-imputat, tramite is-socjeta tieghu Insite Consultants Ltd., kellu mal-MTA. Din l-estensjoni tal-ftehim tghid hekk:*” It is hereby agreed that the service to be provided by the undersigned, is to be extended to include assistance to the Chairman, by way of taking charge of the Product Planning and Regulatory directorates, and to assist the overall management of the organization and assume responsibilities normally falling under the responsibility of a CEO, this in the interim, and until a new CEO is appointed.”*[5]

16. Mill-provi jirrizulta li l-MTA kellha policy li tammeljora (*upgrade*) l-bajjiet, fosthom dik tal-Mistra. Il-Perit Alfred Grech jispjega illi hu kien jigi mqabbad mill-MTA sabiex jiehu hsieb li jsiru l-pjanti. Fit-3 ta’ Settembru 2007, l-MTA issottomettiet l-applikazzjoni taghha stess lill-MEPA ghal *outline development permit* sabiex tizviluppa l-bajja tal-Mistra (Applikazzjoni Numru 5208/07).

17. Xi zmien f’Settembru 2007, fuq inizzjattiva ta’ Lawrence Vassallo – id-*Development Services Liaison Officer* fi hdan il-MEPA - u Dottor Jeffrey Pullicino Orlando saret laqgha go ufficcju tal-MEPA bejn dawn it-tnejn min-nies, l-imputat u zewg ufficcjali ohra tal-MEPA, li ma gewx introdotti lill-imputat, pero waqt l-interrogatorju huwa identifika wiehed minnhom bhala c-Chairman tad-DCC-A.[6] Waqt din il-laqgha, gie diskuss kif il-progett tal-MTA ghall-bajja tal-Mistra jista’ jassisti l-applikazzjoni ghal *open air entertainement area* (tal-applikant Ian Sultana), u kif l-MTA tista’ tati is-sapport taghha ghal din l-applikazzjoni ghal *entertainment area.*

---

[5] Ara Doc IA 21 a fol. 145 tal-process.
[6] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 78 tal-process.

18. Sussegwentement, Lawrence Vassallo talab lill-imputat biex l-MTA tikteb rapport favorevoli biex turi kif l-izvilup propost ghal *open air entertainement* huwa kompatibbli mal-*policies* tal-MTA. L-imputat talab li din it-talba issir lill-MTA bil-miktub.

19. Minuta numru 47 tad-DCC datata 26 ta' Settembru 2007 fil-proceduri quddiem il-MEPA dwar l-applikazzjoni ta' Ian Sultana tghid hekk:[7] *"The DCC Chairman asked case officer to liaise with MTA regarding any recommendation for this development and any other pending MTA projects."*

20. Fit-28 ta' Settembru 2007, il-*case officer* tal-MEPA, il-Perit Daniela Carla Agius kitbet lill-MTA fejn talbitha:
*"1. to submit any recommendation with regards to the proposed development and*
*2. to identify any other pending MTA projects in the vicinity of the site in question."*

21. Din l-ittra tal-MEPA waslet l-MTA fl-istess gurnata u cioe fit-28 ta' Settembru 2007, li kienet il-gurnata tal-Gimgha, u marret ghand id-dipartiment koncernat tal-MTA, li huwa il-*Product Development Directorate*, u l-kap tieghu kien Mario Attard. Kif inghad iktar il-fuq, parti mir-responsabilitajiet tal-imputat – bhala konsulent tac-Chairman tal-MTA – kien li jaghti pariri lil dan id-Direttorat.

22. L-imputat u Mario Attard kienu se jsiefru ghal konferenza dwar it-turizmu il-Hadd 30 ta' Settembru 2007, u l-imputat ried li jirrispondu ghal din l-ittra qabel isiefru, ghax kellu pressjoni biex jikteb dan ir-rapport malajr minn Lawrence Vassallo u Dottor Jeffrey Pullicino Orlando. L-imputat informa lil Mario Attard li hu kellu diga idea fuq il-progett propost ghall-izvilupp tal-Mistra, u offra li jabbozza r-risposta hu. Mario Attard ma kienx f'posizzjoni li jabbozza risposta fi zmien jumejn (fil-weekend), u ghalhekk accetta li r-risposta jabbozzaha l-imputat. L-imputat ma infurmax lil Mario Attard li hu kien diga gie involut qabel fl-ipprocessar ta' din l-applikazzjoni.

---

[7] Ara file tal-MEPA ezebit a fol. 34 tal-process.

23. Fid-29 ta' Settembru 2007, l-imputat baghat *e-mail* lil Marica Bugeja, li kienet s-segretarja tad-Direttur Mario Attard fi hdan il-*Product Development Directorate*, u kkopja din l-*e-mail* lil Mario Attard. F'din l-*e-mail*, l-imputat qal lil Marica Bugeja testwalment hekk: *"Can you please print this letter on an MTA's letterhead, and sign on behalf of Mario. Please print also PDS*[8] *report and the plan entitled 520/07, also herewith attached, to go with the letter. Someone will collect it by hand on Monday to be hand delivered to MEPA."*[9] Fl-istess gurnata, l-imputat baghat ukoll *e-mail* lil Domenic Micallef bir-rapport redatt minnu f'isem l-MTA u li kien se jintbaghat lil MEPA. Min-naha tieghu Dominic Micallef, fl-istess gurnata wkoll, baghat l-istess rapport permezz ta' *e-mail* ohra lil Dottor Jeffrey Pullicino Orlando.

24. Fil-fatt sar kollox kif talab l-imputat fl-*e-mail* tieghu lil Marica Bugeja. L-ittra li intbaghtat mill-MTA lil MEPA hija datata l-1 ta' Ottubru 2007, u hija iffirmata minn Marica Bugeja f'isem *"Mario J Attard Director, Product Development Directorate"*. Marica Bugeja xehdet li kemm kienet ilha tahdem fl-MTA, u cioe mis-sena 2002, din kienet l-ewwel darba fejn inghatat struzzjonijiet sabiex tiffirma ghan-nom tad-direttur. Dan kien ukoll ikkonfermat mid-Direttur Mario Attard.

25. Mhux kontestat li dan ir-rapport gie redatt kollu mill-imputat u d-Direttur Mario Attard ma kiteb xejn f'dan ir-rapport. Huwa xehed ukoll li ma kienx qara r-rapport, qabel gie sottomess lil MTA. Pero, mill-provi jirrizulta li r-rapport intbaghat f'ismu ghax il-prattika hija li meta johorgu rapporti mill-*Product Development Directorate,* ir-rapport jigi iffirmat mid-direttur.[10] L-imputat kien konsulent estern tac-Chairman tal-MTA, u ghalhekk ma kienx impjegat tal-MTA.

26. Lanqas hu kontestat li dan ir-rapport li l-imputat hejja f'isem l-MTA kien ibbazat fuq l-istess rapport li hu kien

---

[8] *Product Description Statement* maghmul mill-MTA fuq il-Mistra.
[9] Ara Dok AG1, AG2 u AG3 a fol. 151, 152 u 153 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Mario Attard a fol. 180-181, u 186 tal-process.

hejja f'Mejju 2006 ghall-izviluppatur. F'dan ir-rapport tal-MTA, l-imputat kiteb *inter alia* hekk: *"MTA's supporting this project for two main reasons: 1. Because it is very much in line with the objectives of the tourism policies as is being demonstrated below (<u>Extract from Directorate's report on the subject</u>) ... ..."*[11] Iktar tard fl-istess rapport jghid hekk: *"I am also forwarding to you <u>extracts from an internal report of the Directorate</u> on the project, with the relevant points that particularly support this project."*[12] (sottolinear tal-Qorti)

27. Fix-xhieda tieghu, Mario Attard iddikjara, li kuntrarju ghal dak indikat fir-rapport tal-MTA lill-MEPA, ir-rapport intern tad-direttorat li hemm riferenza ghalih fir-rapport tal-MTA – redatt mill-imputat - ma kienx jezisti fid-direttorat tieghu.[13]

28. Bejn Ottubru u Dicembru 2007, cioe wara li l-imputat kien ghamel dan ir-rapport tal-MTA kif mitlub, huwa ircieva diversi telefonati minghand Dottor Pullicino Orlando, sabiex l-MTA thaffef il-process billi tikkonverti l-applikazzjoni li kellha quddiem l-MEPA minn wahda ta' *Outline Development* ghal *Full Development*, peress li l-MEPA kienet iddecidiet li tallacja l-applikazzjoni ghal *open air entertainement area* mal-applikazzjoni tal-MTA, bil-kundizzjoni li qabel tigi approvata l-applikazzjoni ghal *open air entertainment area,* kellha tigi approvata dik tal-MTA.

29. Il-Perit tal-MTA, Alfred Grech, xehed li kien fuq istruzzjonijiet tal-imputat George Micallef li hu kien ikkonverta l-applikazzjoni tal-MTA quddiem il-MEPA minn wahda ta' *Outline* ghal *Full Development.* Jghid li l-imputat ma tahx raguni ghal dan u hu ma staqsiex. Il-Perit Grech jispjega kif normalment l-affarijiet isiru differenti u applikazzjoni tinqaleb minn *Outline* ghal *Full Development Permit* meta jkun jidher li l-affarijiet jkunu favorevoli ghall-izvilupp propost. F'dan il-kaz, l-applikazzjoni kienet

[11] Ara Dok IA5 a fol. 36 tal-process.
[12] Ara Dok IA5 a fol. 38 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Mario Attard a fol. 183 tal-process.

ghadha fi stadju primarju. Skont il-Perit Grech qatt ma kienet grat xi haga simili qabel.

30. Pero fi Frar 2008, l-imputat u Mario Attard taw lill-Perit Alfred Grech istruzzjonijiet biex jirtira l-applikazzjoni ghal *full development permit* tal-MTA, ghaliex il-progett tal-MTA kien gie ridimensjonat hafna mill-MEPA, u l-Perit Grech kellu *feedback* mill-MEPA li kienet se tirrifjuta l-applikazzjoni ghaliex il-MEPA riedet li kemm jista' jkun il-bajja tal-Mistra tibqa' kif inhi u ma jintmiss assolutament xejn.[14]

31. Mario Attard xehed ukoll illi bejn Jannar u Marzu 2008, l-imputat kien infurmah li l-Onorevoli Dottor Pullicino Orlando kien qed jaghmel pressjoni fuqu fuq l-applikazzjoni ta' Ian Sultana, u li hu (Attard) u l-imputat gieli anke tkellmu bejniethom li l-istess membru parlamentari seta' jkun il-Ministru tat-Turizmu wara l-elezzjoni generali.[15]

32. Fit-28 ta' Marzu 2008, l-applikant Ian Sultana inghata l-*Outline Development Permission* skont l-applikazzjoni numru PA05880/05, liema permess kien suggett ghal diversi kundizzjonijiet, fosthom li ebda xoghol ma seta' jinbeda fuq is-sit qabel ma jinhareg *full development permission*.

## Konsiderazzjonijiet Legali

Illi apparti l-imputazzjoni tar-recidiva, l-imputat jinsab akkuzat li ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz lil awtorita pubblika bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali u bi ksur tal-Artikolu 56(1)(e) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp.

L-Artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita*

[14] Ara xhieda tal-Perit Alfred Grech a fol. 269-270 tal-process.
[15] Ara xhieda ta' Mario Attard a fol. 191-192 tal-process.

*pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa: Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbilita ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla."*

L-Artikolu 56(1)(e) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp jippreskrivi illi: *"Kull min ... ... (e) jaghmel dikjarazzjoni ghal xi ghan ta' dan l-Att li tkun falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett importanti, ... ... ikun hati ta' reat kontra dan l-Att, u ghandu jekk jinsab hati jehel multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164,69) u mhux aktar minn mija u sittax-il elf u erba' mija u tmienja u sittin Euro us ebgha u sittin centezmu (116, 468.67) ... ..."*

Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni huwa car li l-Prosekuzzjoni qed issejjes il-kaz taghha biss fuq il-fatt li fir-rapport li l-imputat abbozza ghall-MTA sabiex jintbaghat il-MEPA, huwa ghamel riferenza ghal *"Directorate's report"* u ghal *"an internal report of the Directorate"* li ma kienux jezistu, li r-riferenzi ghal estratti mill-istess rapporti inezistenti jaqghu, skont il-Prosekuzzjoni, taht id-definizzjoni ta' dikjarazzjoni jew stqarrija jew taghrif falz. Ghaldaqstant, din il-Qorti se tillimita ruhha li tindaga biss jekk din l-allegazzjoni tal-Prosekuzzjoni gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi kriminali, u mhux se tinoltra ruhha fi kwistjonijiet ohra li gew sottomessi mid-difiza waqt it-trattazzjoni orali.

Kif diga intqal, fir-rapport li l-imputat hejja f'isem l-MTA f'Settembru 2007, l-imputat kiteb *inter alia* hekk: *"MTA's supporting this project for two main reasons: 1. Because it is very much in line with the objectives of the tourism policies as is being demonstrated below (Extract from Directorate's report on the subject) ... ..."*[16] Iktar tard fl-istess rapport jghid hekk: *"I am also forwarding to you extracts from an internal report of the Directorate on the*

[16] Ara Dok IA5 a fol. 36 tal-process.

*project, with the relevant points that particularly support this project.”*[17]

Fix-xhieda tieghu, Mario Attard, id-direttur tad-direttorat koncernat tal-MTA iddikjara, li kuntrarju ghal dak indikat fir-rapport tal-MTA lill-MEPA, ir-rapport intern tad-direttorat li hemm riferenza ghalih fir-rapport tal-MTA – redatt mill-imputat - ma kienx jezisti fid-direttorat tieghu.[18] Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, l-*actus reus* ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Pero’, sabiex l-imputat jinstab hati ta’ dawn id-delitti, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda, bhal fil-kaz ta’ kull delitt iehor, il-Prosekuzzjoni trid tipprova, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-*mens rea*, l-element formali. Sabiex din il-Qorti tkun sodisfatta li dan l-element formali kien jezisti fl-imputat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali, li l-imputat kien ben konxju li fil-*Product Development Directorate* ma kienx jezisti rapport intern dwar proposti ghall-izvilupp tal-Bajja tal-Mistra, u dan nonostante ghamel riferenza ghalih fir-rapport li abbozza. Konsegwentement, din il-Qorti trid tara x’gie pruvat li kellu f’mohhu l-imputat fid-29 ta’ Settembru 2007, meta abbozza r-rapport in kwistjoni.

*Ex admissis*, l-imputat ibbaza dan ir-rapport tad-29 ta’ Settembru 2007 lil MTA fuq ir-rapport li kien hejja f’Mejju 2006 ghall-izviluppatur.[19] L-ahhar paragrafu tar-rapport ta’ Mejju 2006, l-imputat kiteb: *“The developer will also be submitting a copy of this report to the Malta Tourism Authority to seek its endorsement and support for this proposed project.”* Dan il-paragrafu jikkomforta dak li jsostni l-imputat kemm fl-istqarriji kif ukoll fix-xhieda tieghu,  u cioe li meta abbozza r-rapport ta’ Mejju 2006 huwa kien taht l-impressjoni li l-izviluppatur kellu bzonn dan ir-rapport sabiex *inter alia* jissottomettieh lill-MTA

[17] Ara Dok IA5 a fol. 38 tal-process.
[18] Ara xhieda ta’ Mario Attard a fol. 183 tal-process.
[19] Ara xhieda tal-imputat a fol. 347 tal-process.

sabiex jinhareg it-*Tourism Policy Compliance Certificate.* Dan ghaliex l-imputat kien jaf li l-MEPA ma tkomplix tipprocessa applikazzjoni ghall-izvilupp li jolqot il-qasam tat-turismu, jekk l-MTA ma tohrogx dan ic-certifikat, u kien ghal din ir-raguni li huwa kiteb din is-sentenza fl-ahhar tar-rapport tieghu ta' Mejju 2006.

L-imputat ma kienx jaf li dan ic-certifikat kien fil-fatt diga inhareg mill-MTA fis-7 ta' Novembru 2005 fil-konfront tal-izvilupp propost in kwistjoni.[20] Kieku l-imputat kien jaf b'dan il-fatt, certament dan il-paragrafu fir-rapport tieghu ta' Mejju 2006 ma kienx jaghmel sens, ghax ma kienx hemm necessita li kopja ta' dan ir-rapport tinghata lill-MTA ghal *"endorsement"* taghha, ghax l-MTA kienet diga tat dan l-*"endorsement"*.

Fid-29 ta' Settembru 2007, l-imputat kien jaf ukoll li l-MEPA kienet kompliet tipprocessa l-applikazzjoni ghall-izvilupp propost, ghax hu kellu laqgha l-MEPA ftit granet qabel ma' Lawrence Vassallo, Dottor Jeffrey Pullicino Orlando u zewg ufficcjali tal-MEPA, fejn gie diskuss kif il-progett tal-MTA ghall-bajja tal-Mistra jista' jassiti l-applikazzjoni ghal *open air entertainement area*, u kif l-MTA tista' tati s-sapport taghha ghal din l-applikazzjoni ghal *entertainment area.* In oltre, fit-28 ta' Settembru 2007, il-MEPA kienet baghtet lill-MTA ittra fejn ufficjalment talbet lill-MTA tati l-kummenti taghha ghal dan l-izvilupp propost. F'dawn ic-cirkostanzi, l-imputat kellu ragun li logikament jassumi li ladarba l-MEPA kienet kompliet tipprocessa l-applikazzjoni ghal *open air entertainment area*, dan kien ifisser li l-MTA kienet qablet (*"endorsed"*) mar-rapport tieghu ta' Mejju 2006 u kienet harget it-*Tourism Policy Compliance Certificate* relattiv, ghaliex li kieku ma kinietx tkompli tipprocessa l-applikazzjoni.

Fil-fatt l-imputat xehed hekk: *"Kif spjegajt, jiena r-rapport ovvjament bil-fehma tieghi li r-rapport li ghamilt jien gie sottomess lill-MTA kif kien ikkonfermat anke wara u allura jiena dan ktibt bil-knowledge li r-rapport qieghed l-MTA u ma kelli ebda raguni ghalfejn niddubita li mhux qieghed*

[20] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 80 tal-process.

*hemm jew li infittxu jew whatever. ... ... It-tourism policy compliance hareg f'Novembru 2005. Ir-rapport li ghamilt jien gie sottomess f'Mejju 2006 lill-MTA. Pero jiena hadtu li dak l-iskop principali li jigi sottomess ghall-compliance. Wara kont naf, wara li nqala dan il-kaz pubbliku li kien diga hareg."*[21]

Ic-Chairman tal-MTA ta' dak iz-zmien Samuel Mifsud xehed li jekk kemm-il darba jigi ppruvat li r-rapport li sar mill-imputat f'Mejju 2006 gie *"endorsed"* mill-MTA, kif talab l-imputat fir-rapport tieghu stess, allura imbaghad dak ir-rapport isir rapport tad-direttorat.[22] Id-direttur tal-*Product Development Directorate* Mario Attard ukoll xehed li jekk ir-rapport li l-imputat hejja f'Mejju 2006 gie *"endorsed"* mill-MTA, allura dan jirrendieh *"a Directorate's report".*[23]

In oltre kemm ic-Chairman tal-MTA ta' dak iz-zmien Samuel Mifsud kif ukoll id-direttur tal-*Product Development Directorate* Mario Attard xehdu ukoll li t-*Tourism Policies Compliance Certificates* ma jinhargux bl-addocc, izda wara li ssir procedura stabbilita, u gieli kien hemm kazijiet fejn talba biex jinhareg dan ic-certifikat ma gietx milqugha.[24]

Huwa relevanti wkoll li c-Chairman tal-MTA ta' dak iz-zmien Samuel Mifsud xehed li wara li qara ir-rapport li hejja l-imputat fid-29 ta' Settembru 2009 ghal MTA, huwa jaqbel mal-kontenut tieghu, u li ma kien hemm xejn fih illi huwa kontra xi *policies* jew xi haga li mhux konformi mal-pozizzjoni tal-MTA fuq dan il-progett.[25] Fil-fatt huwa qal dan id-diskors anke pubblikament fejn fil-gazzetta *The Times* tal-20 ta' Marzu 2008, gie kkwotat li qal: *"MTA chairman Sam Mifsud said, when asked, that Mr. Micallef's conflict of interest, as the author of both documents, was the reason why the MTA had accepted his resignation and insisted that the authority itself had done nothing wrong in his view. In fact he defended the*

[21] Ara xhieda tal-imputat a fol. 351-352 tal-process.
[22] Ara xhieda ta' Samuel Mifsud a fol. 168 tal-process.
[23] Ara xhieda ta' Mario Attard a fol. 201 u fol. 209 tal-process.
[24] Ara xhieda ta' Samuel Mifsud a fol. 166 tal-process u xhieda ta' Mario Attard a fol. 199-200 tal-process.
[25] Ara xhieda ta' Samuel Mifsud a fol. 162 tal-process.

*document saying that he stood by its contents to this day in the sense that "St. Paul's Bay needs a disco", adding that the authority had nothing to do with the environmental considerations of any development."*[26]

Mario Attard, id-direttur tal-*Product Development Directorate*, xehed hekk, meta mistoqsi jekk jkunx lest jerga' jiffirma r-rapport li hejja l-imputat: *"Jien ghal dak li hu kontenut fir-rapport, kif inhu niffirmah. L-unika haga li nkun rrid nikkoregi illi ntajjar dik ir-riferenza fejn hemm Director's* (recte Directorate's) *report, ghax jiena prezentament llum il-gurnata m'ghandhix kopja u allura mhux Director's* (recte Directorate's) *report."*[27]

Fid-dawl tax-xhieda tac-Chairman tal-MTA Samuel Mifsud kif ukoll dik tad-direttur tal-*Product Development* Mario Attard, li li kieku r-rapport tal-imputat ta' Mejju 2006 gie *"endorsed"* mill-MTA, kif talab l-istess imputat fir-rapport tieghu, dan kien jitqies bhala a *"Directorate's report"* u fid-dawl tal-fatt li mill-provi jirrizulta li l-imputat kien bl-impressjoni li r-rapport tieghu ta' Mejju 2006 kien gie sottomess lil MEPA u gie *"endorsed"* minnha ghax harget it-*Tourism Policies Compliance Certificate*, ma jistghax jinghad li meta l-imputat fir-rapport li abbozza fid-29 ta' Settembru 2007 ghal MEPA irrefera ghar-rapport intern tad-Direttorat, huwa kellu intenzjoni li jaghmel dikjarazzjoni jew jaghti taghrif falz jew qarrieqi lill-MEPA.

Huwa vera li ghalkemm jirrizulta mill-provi li Domenic Micallef issottometta r-rapport li sar f'Mejju 2006 mill-imputat lill-MEPA, dan id-dokument ma nstabx fil-*Product Development Directorate*. Pero dan il-fatt ma jincidix fuq il-*mens rea* li kellu l-imputat meta kiteb it-tieni rapport tieghu fid-29 ta' Settembru 2007, u cioe, meta huwa kien minghalih li r-rapport tieghu ta' Mejju 2006 tant kien gie *"endorsed"* mill-MTA, li harget it-*Tourism Policies Compliance Certificate* relattiv, u li dan ir-rapport tieghu kien jinsab fil-*file* relattiv tal-MTA.

---

[26] Ara Doc. JG1 a fol. 408 tal-process.
[27] Ara xhieda ta' Mario Attard a fol. 206 tal-process.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tissottometti hekk dwar l-element tax-xjenza jew *mens rea “Kollox huwa indikattiv li tali dikjarazzjoni falza saret xjentement u dan peress li l-imputat innifsu jiddikjara li kien jaf li r-rapporti interni li ghamel riferenza ghalihom kienu inezistenti.”*[28] Il-Prosekuzzjoni ma tindikax fejn fil-process l-imputat jaghmel din l-allegata dikjarazzjoni. L-unika haga li din il-Qorti sabet fl-atti u li setghet kienet qed tirreferi ghaliha l-Prosekuzzjoni hija s-segwenti dikjarazzjoni fl-ewwel stqarrija rilaxxata mill-imputat: *“Jiena napprezza li kif jien ikkwotajt ‘an internal report of the Directorate’, wiehed jistenna li jkun rapport intern tad-direttorat li fil-fatt m'hemmx. Pero fil-file tal-MTA jien kont taht l-impressjoni li hemm l-applikazzjoni originali flimkien ukoll mar-rapport tieghi li kont hejjejt ghall-izviluppatur u li allura l-MTA setghet ghamlet referenza ghalih since li l-awtur kien l-istess persuna nnifsu. ... ... Naqbel li* (r-rapport ta' Insite Consultants Ltd.) *m'ghandux jikkwalifika bhala rapport intern tal-MTA u nifhem with hindsight li stajt agixxejt b'mod iktar ghaqli. Pero r-riferenza tat-tourism policies ezistenti kif jirrigwardaw dan il-progett huma l-istess.”*[29]

Pero anki minn din id-dikjarazzjoni, jirrizulta li meta abbozza r-rapport ta' Settembru 2007, l-imputat kien taht l-impressjoni li r-rapport tieghu ta' Mejju 2006 kien qieghed fil-file tal-MTA, u ghalhekk seta' jaghmel riferenza ghalih bhala rapport tad-direttorat. L-imputat ammetta li seta' uza dicitura iktar xierqa u preciza, pero ladarba l-*policies* tat-turizmu ezistenti kif jirrigwardaw il-progett in kwistjoni baqghu l-istess bejn Mejju 2006 u Ottubru 2007[30] – u dan huwa fatt li ma giex kontestat – huwa assuma li seta' jaghmel riferenza ghall-ewwel rapport tieghu, bhala rapport intern tad-direttorat.

Anki jekk, ghall-grazzja tal-argument, wiehed jista' ma jaqbilx mar-ragunament tal-imputat, dan ma jfissirx li l-imputat f'mohhu kellu l-intenzjoni specifika li jghamel dikjarazzjoni jew jaghti taghrif falz lill-MEPA. Fil-fatt kif

[28] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 404 tal-process.
[29] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 74 tal-process.
[30] Ara xhieda tal-imputat a fol. 353 tal-process.

diga inghad aktar il-fuq ic-Chairman tal-MTA Samuel Mifsud u d-Direttur tad-Direttorat Mario Attard, it-tnejn qablu li li kieku l-ewwel rapport tal-imputat kien gie *“endorsed”* mill-MTA, l-MTA kienet tqisu bhala rapport tad-Direttorat. L-imputat qal ukoll fix-xhieda tieghu – u f’dan huwa korraborat mix-xhieda tal-ex Chairman Samuel Mifsud u tad-Direttur Manuel Attard – li kieku hu kellu xi dubbju jew raguni li jifhem li r-rapport li ghamel f’Mejju 2006 ma kienx ghand l-MTA, kien ihalli r-rapport kif inhu kelma b’kelma u jnehhi r-riferenza ghal *“internal report”,* pero l-kontenut tar-rapport kien jibqa l-istess.[31] Huwa wkoll rilevanti f’dan il-kuntest li kif diga intqal l-kontenut tar-rapport qatt ma gie kontestat minn xi ufficcjal tal-MTA.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni konsidrata ta’ din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova minghajr ebda dubbju ragjonevoli, li l-imputat kien effettivament jaf li r-rapport tieghu ta’ Mejju 2006 ma kienx fil-pussess tal-*Product Development Directorate.* Mill-banda l-ohra, din il-Qorti hija sodisfatta, li d-difiza resqet provi li certament iwasslu sal-grad tal-probabbli, li l-imputat meta abbozza r-rapport fid-29 ta’ Settembru 2007, l-imputat kien minghalih li r-rapport tieghu ta’ Mejju 2006 kien gie *“endorsed”* mill-MTA u kien fil-pussess tal-imsemmi direttorat, u ghalhekk seta’ jirreferi ghalih bhala rapport intern tad-direttorat. Konsegwentement, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel dikjarazzjoni falza jew jaghti taghrif qarrieqi lill-MEPA.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l- Artikolu 55(1)(e) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 188, 49, 50, 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qieghda tilliberah minnhom.

---

[31] Ara xhieda tal-imputat a fol. 386-387 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------